REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1226

tat-12 ta' Novembru 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifiki STS

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 27(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 jitlob li l-oriġinaturi u l-isponsors jippreżentaw ċerta informazzjoni lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) fejn iqisu li titolizzazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti rigward kriterji sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) stabbiliti fl-Artikoli 19 sa 22 u fl-Artikoli 23 sa 26 ta' dak ir-Regolament. L-informazzjoni li trid tingħata tvarja skont it-tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet notifikati.

(2) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jitħallew iwettqu l-kompiti tagħhom u l-investituri u l-investituri potenzjali jitħallew iwettqu d-diliġenza dovuta tagħhom, teħtieġ informazzjoni dettaljata biżżejjed, rilevanti għan-notifika STS, biex tiddetermina jekk il-kriterji STS ġewx issodisfati. Speċifikament, jeħtieġ li l-motivazzjoni għall-għażla ta' fattur ta' omoġeneità u għall-esklużjoni ta' oħrajn tkun inkluża fin-notifika biex tinforma l-valutazzjoni tal-kriterju ta' omoġeneità. Għal ċerti kriterji STS, konferma sempliċi hija biżżejjed filwaqt kriterji oħrajn jeħtieġu aktar informazzjoni. Għaldaqstant, huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn rekwiżiti li għalihom konferma sempliċi tkun biżżejjed u dawk li għalihom tkun meħtieġa spjegazzjoni qasira jew spjegazzjoni dettaljata.

(3) Titolizzazzjonijiet fejn ma jrid jitfassal l-ebda prospett skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (titolizzazzjonijiet privati) jippermettu li l-partijiet jidħlu fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni mingħajr ma jiżvelaw informazzjoni kummerċjali u sensittiva. Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi ristretta l-informazzjoni tan-notifiki STS ta' dawn it-titolizzazzjonijiet li trid tiġi ppubblikata għal informazzjoni kummerċjali iżda mhux sensittiva.

(4) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti għar-rekwiżiti STS, jeħtieġ li l-oriġinaturi u l-isponsors jitħallew jirreferu għall-prospett rilevanti mfassal għal dik it-titolizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/1129, dokumentazzjoni sottostanti rilevanti oħra kif imsemmi fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jew kwalunkwe dokument ieħor b'informazzjoni rilevanti għan-notifika STS.

(5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni,

(6) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbiliti mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

([1]) ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 4).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fin-notifika STS

1. L-informazzjoni li trid tiġi inkluża fin-notifika STS skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2017/2402 għandha tkun is-segwenti:

(a) meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni mhux ABCP, l-informazzjoni speċifikata fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(b) meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni ABCP, l-informazzjoni speċifikata fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(c) għal programm ABCP, l-informazzjoni speċifikata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

2. Għal titolizzazzjonijiet fejn ma jrid jitfassal l-ebda prospett skont ir-Regolament (UE) 2017/1129, l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fin-notifika STS skont il-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanja mis-segwenti:

(a) meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni mhux ABCP, l-informazzjoni speċifikata fl-oqsma STSS9 u STSS10 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(b) meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni ABCP, l-informazzjoni speċifikata fl-oqsma STSAT9 u STSAT10 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(c) għal programm ABCP, l-informazzjoni speċifikata fil-qasam STSAP9 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, il-pubblikazzjoni tan-notifika STS għal dawk it-titolizzazzjonijiet għandha tkun limitata għall-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu.

Artikolu 2

Informazzjoni Addizzjonali

Meta d-dokumenti segwenti jinkludu informazzjoni rilevanti għan-notifika STS, tista' tingħata referenza għall-partijiet rilevanti ta' dawk id-dokumenti fil-kolonna "Informazzjoni addizzjonali" fl-Annessi I, II jew III ta' dan ir-Regolament u, meta tingħata din l-informazzjoni, dik id-dokumentazzjoni għandha tiġi identifikata b'mod ċar:

(a) prospett imfassal skont ir-Regolament (UE) 2017/1129;

(b) kwalunkwe dokumentazzjoni sottostanti oħra msemmija fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(c) kwalunkwe dokument ieħor b'informazzjoni rilevanti għan-notifika STS.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean Claude JUNCKER

ANNESS I

Informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-ESMA skont l-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament (UE) 2017/2402 dwar titolizzazzjonijiet li mhumiex ABCP

Informazzjoni ġenerali

Numru tal-qasam	Artikolu tar-Regolament (UE) 2017/2402	ISEM TAL-QASAM	KONTENUT LI GĦANDU JIĠI RRAPPURTAT [1]	INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI
STSS0	Artikolu 27 (1)	L-ewwel punt ta' kuntatt	L-identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) tal-entità maħtura bħala l-ewwel punt ta' kuntatt u l-isem tal-awtorità kompetenti rilevanti	Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980. [2]
STSS1	Mhux Applikabbli	Kodiċi tal-identifikazzjoni tal-istrument	Meta disponibbli, il-kodiċi jew il-kodiċijiet internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN). Jekk l-ebda ISIN ma jkun disponibbli, mela kwalunkwe kodiċi uniku ieħor għat-titoli assenjat lil din it-titolizzazzjoni.	Meta disponibbli skont l-Entrata 3.1 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980.
STSS2	Mhux Applikabbli	Identifikatur ta' Entità Ġuridka (LEI)	Il-LEI tal-oriġinatur(i) u l-isponsor(s) u, meta disponibbli, tal-mutwant(i) oriġinali.	Entrata 4.2 tal-Anness 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS3	Mhux Applikabbli	Identifikatur tan-notifika	Meta tirrapporta aġġornament, in-numru uniku ta' referenza assenjat mill-ESMA għan-notifika STS notifikata preċedentement.	Mhux Applikabbli
STSS4	Mhux Applikabbli	Identifikatur uniku	L-identifikatur uniku assenjat mill-entità li tirrapporta skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1224 [3].	Mhux Applikabbli
STSS5	Mhux Applikabbli	Identifikatur tal-prospett	Meta disponibbli, l-identifikatur tal-prospett kif ipprovdut mill-awtorità kompetenti rilevanti.	Mhux Applikabbli
STSS6	Mhux Applikabbli	Repożitorju tat-Titolizzazzjoni	Meta disponibbli, l-isem tar-repożitorju rreġistrat tat-titolizzazzjoni.	Mhux Applikabbli
STSS7	Mhux Applikabbli	Isem tat-titolizzazzjoni	L-isem tat-titolizzazzjoni.	Taqsima 4 tal-Anness 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS8	Artikolu 18 u 27(3)	Pajjiż ta' stabbiliment	Meta disponibbli, il-pajjiż ta' stabbiliment tal-oriġinatur(i), l-isponsor(s), l-SSPE(s) u l-mutwant(i) oriġinali.	Mhux Applikabbli

STSS9	Mhux Applikabbli	Klassifikazzjoni tat-titolizzazzjoni	It-tip ta' titolizzazzjoni: — titolizzazzjoni li mhijiex ABCP; — titolizzazzjoni ABCP; — programm ABCP.	Mhux Applikabbli
STSS10	Mhux Applikabbli	Klassifikazzjoni ta' skoperturi sottostanti	It-tip ta' skoperturi sottostanti fosthom: 1) self residenzjali li huwa titolizzat minn self ipotekarju wieħed jew aktar dwar proprjetà immobbli residenzjali jew li huwa garantit bis-sħiħ minn fornitur tal-protezzjoni eliġibbli fost dawk imsemmija fl-Artikolu 201(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li jikkwalifika għall-iskala 2 tal-kwalità kreditizja jew aktar kif stabbilit fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta ta' dak ir-Regolament; 2) self kummerċjalili huwa titolizzat minn self ipotekarju wieħed jew aktar dwar proprjetà immobbli kummerċjali, inklużi uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor; 3) faċilitajiet ta' kreditu mogħtija lil individwi għal finijiet ta' konsum personali, familjari jew ta' unitajiet domestiċi; 4) faċilitajiet ta' kreditu, inklużi self u lokazzjonijiet, fornuti għal kwalunkwe tip ta' impriża jew korporazzjoni; 5) self/lokazzjonijiet għal karozzi; 6) riċevibbli tal-karti ta' kreditu; 7) riċevibbli tan-negozju; 8) skoperturi sottostanti oħrajn li jitqiesu mill-oriġinatur jew l-isponsor li jikkostitwixxu tip ta' ass distint abbażi tal-metodoloġiji u l-parametri interni;	Mhux Applikabbli
STSS11	Mhux Applikabbli	Data tal-ħruġ	Meta jitfassal prospett f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1129 [4], id-data li fiha jkun ġie approvat il-prospett. Fil-każijiet l-oħra kollha, id-data tal-għeluq tal-aktar tranżazzjoni reċenti.	Mhux Applikabbli
STSS12	Mhux Applikabbli	Data ta' notifika	Id-data ta' notifika lill-ESMA.	Mhux Applikabbli
STSS13	Artikolu 27 (2)	Parti Terza awtorizzata	Meta parti terza awtorizzata tkun ipprovdiet servizzi ta' verifika STS skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, dikjarazzjoni li l-konformità mal-kriterji STS tkun ġiet ikkonfermata minn dik id-ditta tal-parti terza awtorizzata.	Mhux Applikabbli

STSS14	Artikolu 27 (2)	Parti Terza awtorizzata	Meta parti terza awtorizzata tkun ipprovdiet servizzi ta' verifika STS skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-isem u l-pajjiż ta' stabbiliment tal-parti terza.	Mhux Applikabbli
STSS15	Artikolu 27 (2)	Parti Terza awtorizzata	Meta parti terza awtorizzata tkun ipprovdiet servizzi ta' verifika STS skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-isem tal-awtorità kompetenti li tkun awtorizzatha.	Mhux Applikabbli
STSS16	Artikolu 27 (5)	Status STS	Notifika motivata mill-oriġinatur u l-isponsor li t-titolizzazzjoni ma għandhiex tibqa' titqies bħala STS.	Mhux Applikabbli
STSS17	Artikolu 27 (3)	Oriġinatur (jew mutwant oriġinali) mhux istituzzjoni ta' kreditu	Dikjarazzjoni "Iva" jew "Le" fir-rigward ta' jekk l-orġinatur jew il-mutwant oriġinali huwiex istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment stabbilita fl-Unjoni.	Mhux Applikabbli
STSS18	Artikolu 27 (3)	Konferma ta' kriterji tal-għoti ta' kreditu	Meta t-tweġiba għall-qasam STSS17 tkun "Le", konferma li l-kriterji, il-proċessi u s-sistemi fis-seħħ għall-għoti ta' kreditu tal-orġinatur jew tal-mutwant oriġinali jitwettqu skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Mhux Applikabbli
STSS19	Artikolu 27 (3)	Konferma li l-għoti ta' kreditu huwa soġġett għal superviżjoni	Meta t-tweġiba għall-entrata STSS17 tkun "Le", konferma li l-għoti ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 27(3)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 huwa soġġett għal superviżjoni.	Mhux Applikabbli

([1]) Fejn xieraq, inkludi referenza għat-taqsimiet rilevanti tad-dokumentazzjoni sottostanti meta l-informazzjoni tkun disponibbli.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, il-kontenut, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 26-176).

([3]) Ir-Regolament Dlegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji biex titolizzazzjoni ssir disponibbli mill-oriġinatur, sponsor u SSPE (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12-82).

Informazzjoni speċifika

Numru tal-qasam	Artikolu tar-Regolament (UE) 2017/2402	ISEM TAL-QASAM	Konferma	Spjegazzjoni qasira	Spjegazzjoni dettaljata	KONTENUT LI GĦANDU JIĠI RRAPPURTAT ([1])	INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI
STSS20	Artikolu 20(1)	Trasferiment tal-iskoperturi sottostanti permezz ta' bejgħ veru jew assenjazzjoni		√		Spjegazzjoni qasira ta' kif isir it-trasferiment tal-iskoperturi sottostanti permezz ta' bejgħ veru jew trasferiment blistess effett legali b'mod li huwa infurzabbli fil-konfront tal-bejjiegħ jew ta' kwalunkwe parti terza.	Entrata 3.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS21	Artikolu 20(2)	Ebda rkupru serju		√		Spjegazzjoni qasira dwar jekk kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' rkupru serju msemmija fl-Artikolu 20 (2)(a) jew (b) tar-Regolament (UE) 2017/2402 tinstabx fit-titolizzazzjoni, u ddikjara jekk japplikawx id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS22	Artikolu 20(3)	Eżenzjoni għal dispożizzjonijiet ta' rkupru fil-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza	√			Flimkien mal-STSS21, fejn xieraq, konferma dwar jekk hemmx xi ċirkostanza li tista' tagħti lok għal dispożizzjonijiet ta' rkupru skont l-Artikolu 20 (1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS23	Artikolu 20(4)	Trasferiment meta l-bejjiegħ ma jkunx il-mutwant oriġinali	√			Meta l-bejjiegħ ma jkunx il-mutwant oriġinali, dikjarazzjoni li tikkonferma li t-titolizzazzjoni tikkonforma mal-Artikoli 20(1) sa 20(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS24	Artikolu 20(5)	Trasferiment li jitwettaq permezz ta' assenjazzjoni u li jiġi pperfezzjonat fi stadju aktar tard		√		Meta t-trasferiment tal-iskoperturi sottostanti jitwettaq permezz ta' assenjazzjoni u jiġi pperfezzjonat fi stadju aktar tard mill-għeluq tat-titolizzazzjoni, spjegazzjoni qasira dwar jekk il-perfezzjoni hijiex affettwata mill-inqas mill-iskattaturi tal-avvenimenti minimi meħtieġa predeterminati kif elenkat fl-Artikolu 20(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402 u kif dan isir. Meta jintużaw mekkaniżmi alternattivi ta' trasferiment, konferma li l-insolvenza tal-oriġinatur ma tippreġudikax jew tipprevjeni lill-SSPE milli tinforza d-drittijiet tagħha.	Entrata 3.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980

STSS25	Artikolu 20(6)	Rappreżentazzjonijiet u garanziji		√		Spjegazzjoni qasira dwar jekk hemmx rappreżentazzjonijiet u garanziji pprovduti mill-bejjiegħ li l-iskoperturi sottostanti inklużi fit-titolizzazzjoni mhumiex gravati jew inkella f'kundizzjoni li jista' jiġi previst li taffettwa b'mod negattiv l-eżegwibbiltà tal-bejgħ veru jew l-assenjazzjoni jew it-trasferiment bl-istess effett legali u kif dan isir.	Entrata 2.2.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS26	Artikolu 20(7)	Kriterji ta' eliġibbiltà li ma jippermettux immaniġġjar tal-portafoll attiv tal-iskoperturi sottostanti fuq bażi diskrezzjonali		√		Spjegazzjoni qasira dwar kif: — - l-iskoperturi sottostanti ttrasferiti jew assenjati mill-bejjiegħ lill-SSPE jissodisfaw kriterji ta' eliġibbiltà predeterminati, ċari u dokumentati li ma jippermettux immaniġġjar tal-portafoll attiv ta' dawk l-iskoperturi fuq bażi diskrezzjonali; — l-għażla u t-trasferiment tal-iskoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni huma bbażati fuq proċessi ċari li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' liema skoperturi huma magħżula għat-titolizzazzjoni jew ittrasferiti fiha u li ma jippermettux immaniġġjar tal-portafoll attiv fuq bażi diskrezzjonali.	Taqsima 2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS27	Artikolu 20(8)	Omoġeneità tal-assi			√	Spjegazzjoni ddettaljata dwar l-omoġeneità tal-aggregazzjoni tal-iskoperturi sottostanti li jappoġġjaw it-titolizzazzjoni. Għal dak il-għan, inkludi referenza għall-RTS tal-EBA dwar l-omoġeneità (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/185 ([2]), u spjega fid-dettall kif kull kundizzjoni speċifikata fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament Delegat hija ssodisfata.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS28	Artikolu 20(9)	Obbligi ta' Skopertura Sottostanti: ebda rititolizzazzjoni	√			Konferma li l-iskoperturi sottostanti ma jinkludu l-ebda pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u li għalhekk it-titolizzazzjoni notifikata mhijiex rititolizzazzjoni.	Entrata 2.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980

STSS29	Artikolu 20(10)	Soliditá tal-istandard ta' sottoskrizzjoni			√	Spjegazzjoni ddettaljata: — - dwar jekk l-iskoperturi sottostanti oriġinawx fil-perkors normali tannegozju tal-mutwant u jekk l-istandards ta' sottoskrizzjoni applikati kinux inqas strinġenti minn dawk applikati fl-istess ħin tal-oriġini tal-iskoperturi li ma kinux titolizzati. — dwar jekk l-istandards ta' sottoskrizzjoni u kwalunkwe bidla materjali minn standards ta' sottoskrizzjoni preċedenti ġewx iddivulgati għalkollox jew se jiġu ddivulgati għalkollox lil investituri potenzjali mingħajr dewmien żejjed. — dwar kif it-titolizzazzjonijiet meta l-iskoperturi sottostanti jkunu self residenzjali, l-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti jissodisfaw ir-rekwiżit tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 20(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402. — dwar jekk valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwanti tissodisfax ir-rekwiżiti mogħtija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/48/KE ([3]) jew fil-paragrafi 1 sa 4, il-punt (a) tal-paragrafu 5, u l-paragrafu 6 tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2014/17/UE ([4]) jew, fejn applikabbli, rekwiżiti ekwivalenti f'pajjiżi terzi.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS30	Artikolu 20(10)	Għarfien espert tal-Oriġinatur/tal-Mutwanti			√	Spjegazzjoni ddettaljata dwar jekk l-oriġinatur jew il-mutwanti oriġinali għandux għarfien espert fl-iskoperturi li joriġinaw ta' xorta simili għal dawk titolizzati.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS31	Artikolu 20(11)	Skoperturi sottostanti ttrasferiti mingħajr skoperturi inadempjenti			√	Spjegazzjonijiet ddettaljati dwar jekk: — -l-iskoperturi sottostanti ttrasferiti jinkludux, fil-mument tal-għażla, skoperturi inadempjenti (jew skoperturi ristrutturati) kif definit fl-Artikolu 20(11) tar-Regolament (UE) 2017/2402. — ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 20(11)(a) (i) u (ii) tar-Regolament (UE) 2017/2402 humiex issodisfati. — ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 20(11)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402 humiex issodisfati;	Entrata 2.2.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980

						— ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 20(11)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402 humiex issodisfati.	
STSS32	Artikolu 20(12)	Mill-inqas pagament wieħed meta jsir it-trasferiment	√			Konferma dwar jekk, meta jsir it-trasferiment tal-iskoperturi, id-debituri għamlux mill-inqas pagament wieħed. Konferma dwar jekk tapplikax l-eżenzjoni skont l-Artikolu 20(12) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.3 u 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS33	Artikolu 20(13)	Ripagament tad-detenturi ma għandux ikun ġie strutturat biex jiddependi b'mod predominanti fuq il-bejgħ tal-assi.			√	Spjegazzjoni ddettaljata tal-grad ta' dipendenza tar-ripagamenti tad-detenturi tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fuq il-bejgħ ta' assi li jiżguraw l-iskoperturi sottostanti.	Entrata 3.4.1 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS34	Artikolu 21(1)	Konformità mar-rekwiżit tar-ritenzjoni tar-riskju		√		Spjegazzjoni qasira dwar kif l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali ta' titolizzazzjoni li mhijiex ABCP jikkonformaw mar-rekwiżit tar-ritenzjoni tar-riskju kif previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/2402. Indikazzjoni ta' liema entità żżomm l-interess ekonomiku nett materjali u liema għażla tintuża għar-ritenzjoni tar-riskju: (1) is-segment vertikali skont l-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402; (2) is-sehem tal-bejjiegħ skont l-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402; (3) l-iskoperturi magħżula b'mod każwali miżmuma fuq karta bilanċjali, skont l-Artikolu 6(3)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402; (4) is-segment tal-ewwel telf skont l-Artikolu 6(3)(d) tar-Regolament (UE) 2017/2402; (5) l-iskopertura għall-ewwel telf f'kull assi skont l-Artikolu 6(3)(e) tar-Regolament (UE) 2017/2402; (6) l-ebda konformità mar-rekwiżiti tar-ritenzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402; (7) għażliet oħra li jintużaw.	Entrata 3.1 tal-Anness 9 u l-Entrata 3.4.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980

STSS35	Artikolu 21(2)	Mitigazzjoni tar-Riskji tar-Rati tal-Imgħax (IR) u tar-riskji tal-kambju (FX)		√		Spjegazzjoni qasira dwar jekk ir-rati tal-imgħax u r-riskji tal-kambju humiex mitigati kif xieraq u li qed jittieħdu miżuri biex jiġu mitigati tali riskji u kkonferma li tali miżuri huma disponibbli għall-investituri.	Entrati 3.4.2 u 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS36	Artikolu 21(2)	Derivattivi Mixtrija/Mibjugħa minn SSPE		√		Dikjarazzjoni qasira li l-SSPE ma kkonkludietx kuntratti derivattivi ħlief fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikoli 21 (2) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrati 3.4.2 u 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS37	Artikolu 21(2)	Derivattivi permezz ta' standards komuni		√		Spjegazzjoni qasira dwar jekk kwalunkwe strument tal-iħħeġġjar li jintuża huwiex sottoskrit u ddokumentat skont standards aċċettati b'mod komuni.	Entrati 3.4.2 u 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS38	Artikolu 21(3)	Pagamenti tal-imgħax imsemmija bbażati fuq rati tal-imgħax li jintużaw b'mod ġenerali		√		Spjegazzjoni qasira dwar jekk kwalunkwe pagament tal-imgħax imsemmi fil-kuntest tal-assi u l-obbligazzjonijiet tat-titolizzazzjoni jiġix ikkalkolat b'referenza għal rati tal-imgħax tas-suq li jintużaw b'mod ġenerali jew rati settorjali li jintużaw b'mod ġenerali li jirriflettu l-kost tal-fondi u kif dan isir.	Entrata 2.2.2 u 2.2.13 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS39	Artikolu 21(4)	Ebda qbid ta' flus kontanti wara l-eżekuzzjoni jew avviż ta' aċċellerazzjoni		√		Dikjarazzjoni f'termini ġenerali li kull rekwiżit tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402 huwa ssodisfat.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS40	Artikolu 21(4)	(a)Ebda ammont ta' flus kontanti ma għandu jiġi maqbud	√			Konferma li l-ebda flus kontanti mhuma se jinqabdu wara l-forniment tal-eżekuzzjoni jew avviż ta' aċċellerazzjoni.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS41	Artikolu 21(4)	(b) rikavati prinċipali għandhom jgħaddu lill-investituri	√			Konferma li r-rikavati prinċipali mill-iskoperturi sottostanti jgħaddu lill-investituri permezz ta' amortizzazzjoni sekwenzjali tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, kif determinat mis-superjorità tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980

STSS42	Artikolu 21(4)	(c) ripagament ma għandux jitreġġa' lura fir-rigward tas-superjorità	√			Konferma li r-ripagament tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ma għandux jitreġġa' lura fir-rigward tas-superjorità tagħhom.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS43	Artikolu 21(4)	(b) ma għandu jkun hemm l-ebda dispożizzjoni li tesiġi likwidazzjoni awtomatika tal-iskoperturi sottostanti bil-valur tas-suq	√			Konferma li l-ebda dispożizzjoni ma teħtieġ likwidazzjoni awtomatika tal-iskoperturi sottostanti bil-valur tas-suq.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS44	Artikolu 21(5)	Titolizzazzjonijiet li jinkludu prijorità mhux sekwenzjali ta' pagamenti	√			Konferma li t-tranżazzjonijiet li jinkludu prijorità mhux sekwenzjali ta' pagamenti jinkludu skattaturi relatati malprestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti li jirriżultaw f'li tiġi invertita l-prijorità ta' pagamenti għall-pagamenti sekwenzjali fl-ordni tas-superjorità. Konferma li tali skattaturi jinkludu millinqas id-deterjorament fil-kwalità kreditizja tal-iskoperturi sottostanti taħt limitu minimu predefinit.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS45	Artikolu 21(6)	Titolizzazzjonijiet rotanti b'avvenimenti ta' amortizzazzjoni anticipata għatterminazzjoni ta' perjodu rotanti abbażi ta' skattaturi preskritti		√		Spjegazzjoni qasira, fejn applikabbli, dwar kif id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 21(6)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 huma riflessi fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.	Entrati 2.3 u 2.4 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS46	Artikolu 21(6)(a)	(a) deterjorament fil-kwalità kreditizja tal-iskoperturi sottostanti		√		Spjegazzjoni qasira, fejn applikabbli, dwar kif id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 21(6)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 huma riflessi fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.	Entrati 2.3 u 2.4 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS47	Artikolu 21(6)(b)	(b) l-okkorrenza ta' avveniment relatat ma' insolvenza fir-rigward tal-oriġinatur jew tas-servizzjant		√		Spjegazzjoni qasira, fejn applikabbli, dwar kif id-dispożizzjonijiet jew l-iskattaturi fl-Artikolu 21(6)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 huma riflessi fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.	Entrati 2.3 u 2.4 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980

STSS48	Artikolu 21(6)(c)	(c) il-valur tal-iskoperturi sottostanti miżmuma mill-SSPE jaqa' taħt limitu predefinit		√		Spjegazzjoni qasira, fejn applikabbli, dwar kif id-dispożizzjonijiet jew l-iskattaturi fl-Artikolu 21(6)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402 huma riflessi fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni, permezz ta' kontoreferenzi għat-taqsimiet rilevanti tad-dokumentazzjoni sottostanti fejn tista' tinstab l-informazzjoni	Entrati 2.3 u 2.4 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS49	Artikolu 21(6)(d)	(d) nuqqas li jiġu ġġenerati biżżejjed skoperturi sottostanti ġodda li jissodisfaw il-kwalità kreditizja predefinita (skattatur għat-tmiem tal-perjodu rotanti)		√		Spjegazzjoni qasira, fejn applikabbli, dwar kif id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 21(6)(d) tar-Regolament (UE) 2017/2402 huma riflessi fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.	Entrati 2.3 u 2.4 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS50	Artikolu 21(7)(a)	(a) Informazzjoni dwar l-obbligi kuntrattwali tas-servizzjant, tat-trustee u ta' fornituri ta' servizzi anċillari oħrajn	√			Konferma li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tispeċifika r-rekwiżiti kollha skont l-Artikolu 21(7)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS51	Artikolu 21(7)(b)	(b) Dispożizzjonijiet dwar il-Kontinwità tas-Servizzjar	√			Konferma li d-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni tissodisfa b'mod espliċitu r-rekwiżiti tal-Artikolu 21(7)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS52	Artikolu 21(7)(c)	(c) Dispożizzjonijiet dwar il-Kontinwità tal-Kontropartijiet Derivattivi	√			Konferma li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tissodisfa l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 21(7)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS53	Artikolu 21(7)(c)	(c) Dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tal-fornituri tal-likwidità u tal-banek tal-kontijiet	√			Konferma li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tissodisfa l-informazzjoni kollha skont l-Artikolu 21(7)(c) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980

STSS54	Artikolu 21(8)	Għarfien espert meħtieġ mis-servizzjant u politiki u proċeduri u kontrolli ta' mmaniġġjar tar-riskju xierqa fis-seħħ			√	Spjegazzjoni ddettaljata dwar kif ir-rekwiżiti tal-Artikolu 21(8) huma ssodisfati. Bħala parti mill-ispjegazzjoni, inkludi referenza għal kwalunkwe politika u proċedura maħsuba biex jiżguraw il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti.	Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS55	Artikolu 21(9)	Definizzjonijiet ċari u konsistenti relatati mal-indirizzar ta' self problematiku	√			Konferma li d-dokumentazzjoni sottostanti tistabbilixxi f'termini ċari u konsistenti, definizzjonijiet, rimedji u azzjonijiet relatati mas-sitwazzjonijiet ta' dejn stabbiliti fl-Artikolu 21(9) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 2.2.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS56	Artikolu 21(9)	Prijoritajiet ta' pagament u eventi skattaturi	√			Konferma li d-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni tistabbilixxi l-prijoritajiet ta' pagament u avvenimenti skattaturi skont l-Artikoli 21(9) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.4.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS57	Artikolu 21(10)	Soluzzjoni f'waqtha ta' kunflitti bejn il-klassijiet ta' investituri u responsabbiltajiet ta' trustee	√			Konferma li d-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 21(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402 relatati mas-soluzzjoni f'waqtha tal-kunflitti huma ssodisfati.	Entrati 3.4.7 u 3.4.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS58	Artikoli 22 (1)	Data dwar Prestazzjonijiet Storiċi fir-rigward ta' Inadempjenzi u Telf	√			Konferma li d-data meħtieġa li ssir disponibbli skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 hija disponibbli, billi tiddikjara b'mod ċar fejn tista' tinstab l-informazzjoni.	Entrata 2.2.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSS59	Artikolu 22(2)	Kampjun tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għal verifiki esterni	√			Konferma li kampjun tal-iskoperturi sottostanti kien soġġett għal verifika esterna qabel ma nħarġu t-titoli minn parti xierqa u indipendenti.	Mhux Applikabbli
STSS60	Artikolu 22(3)	Disponibbiltà ta' mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet għal investituri potenzjali	√			Konferma li huwa disponibbli mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet għal investituri potenzjali qabel l-ipprezzar u ddikjara b'mod ċar fejn hija disponibbli din l-informazzjoni. Wara l-ipprezzar, konferma li tali informazzjoni saret disponibbli għal investituri potenzjali fuq talba.	Mhux Applikabbli

STSS61	Artikolu 22(4)	Pubblikazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' skoperturi sottostanti magħmula minn self residenzjali jew self jew lokazzjonijiet tal-karozzi		√		Spjegazzjoni qasira dwar jekk l-informazzjoni relatata mal-prestazzjoni ambjentali tal-assi ffinanzjati permezz ta' self residenzjali, jew self jew lokazzjonijiet tal-karozzi hijiex disponibbli skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 u dikjarazzjoni fejn għandha tinstab dik l-informazzjoni.	Mhux Applikabbli
STSS62	Artikolu 22(5)	Oriġinatur u sponsor responsabbli għall-konformità mal-Artikolu 7	√			Konferma li: — l-oriġinatur u l-isponsor qed jikkonformaw mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/2402; — l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1)(a) saret disponibbli għal investituri potenzjali qabel l-ipprezzar fuq talba; — l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1)(b) sa (d) saret disponibbli qabel l-ipprezzar mill-inqas f'forma ta' abbozz jew inizjali.	Mhux Applikabbli

([1]) Fejn xieraq, inkludi referenza għat-taqsimiet rilevanti tad-dokumentazzjoni sottostanti meta l-informazzjoni tkun disponibbli.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1851 tat-28 ta' Mejju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-omoġeneità tal-iskoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni (ĠU L 280, 6.11.2019, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

([4]) Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

ANNESS II

Informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-ESMA skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2017/2402 dwar titolizzazzjonijiet ABCP

Informazzjoni ġenerali

Numru tal-qasam	Artikolu tar-Regolament (UE) 2017/2402	ISEM TAL-QASAM	KONTENUT LI GĦANDU JIĠI RRAPPURTAT [1]	INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI
STSAT0	Artikolu 27(1)	L-ewwel punt ta' kuntatt	L-identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) tal-entità maħtura bħala l-ewwel punt ta' kuntatt u l-isem tal-awtorità kompetenti rilevanti	Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980.
STSAT1	Mhux Applikabbli	Kodiċi tal-identifikazzjoni tal-istrument	Meta disponibbli, il-kodiċi jew il-kodiċijiet internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN). Meta ma jkun hemm l-ebda ISIN, mela kwalunkwe kodiċi tat-titoli uniku ieħor, assenjat għat-titolizzazzjonijiet ABCP.	Meta disponibbli skont l-Entrata 3.1 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSAT2	Mhux Applikabbli	Identifikatur ta' Entità Ġuridka (LEI)	Meta disponibbli, il-LEI tal-orġinatur(i) u/jew tal-isponsor(s).	Entrata 4.2 tal-Anness 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSAT3	Mhux Applikabbli	Identifikatur tan-notifika	Meta tirrapporta aġġornament, in-numru uniku ta' referenza assenjat mill-ESMA għan-notifika STS notifikata preċedentement.	Mhux Applikabbli
STSAT4	Mhux Applikabbli	Identifikatur uniku	L-identifikatur uniku assenjat mill-entità li tirrapporta lil din it-tranżizzjoni ABCP skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1224	Mhux Applikabbli
STSAT5	Mhux Applikabbli	Identifikatur tal-prospett	Meta disponibbli, l-identifikatur tal-prospett kif ipprovdut mill-awtorità kompetenti rilevanti.	Mhux Applikabbli
STSAT6	Mhux Applikabbli	Repożitorju tat-Titolizzazzjoni	Meta disponibbli, l-isem tar-repożitorju rreġistrat tat-titolizzazzjoni.	Mhux Applikabbli
STSAT7	Mhux Applikabbli	Isem tat-titolizzazzjoni	Meta disponibbli, l-isem tat-titolizzazzjoni jew fin-nuqqas ta' dan, l-isem tal-kodiċi u l-isem li jintuża.	Taqsima 4 tal-Anness 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980
STSAT8	Artikolu 18 u 27 (3)	Pajjiż ta' stabbiliment	Meta disponibbli, il-pajjiż ta' stabbiliment tal-orġinatur(i), l-isponsor(s), u l-SSPE(s).	Mhux Applikabbli
STSAT9	Mhux Applikabbli	Klassifikazzjoni tat-titolizzazzjoni	It-tip ta' titolizzazzjoni: — mhux ABCP; — ABCP; — programm ABCP.	Mhux Applikabbli

